**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 236/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Benjamin Schembri**

Illum, 23 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Benjamin Schembri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 434498(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Jannar 2022 għall-ħabta ta' 11:20hrs ġewwa Triq San Bastjan, Qormi, saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BEN 913 :

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;
2. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bla kont;
3. Waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, naqas li jagħti d-dritta lill-vetturi oħra li kienu qed jagħmlu użu mir-roundabout;
4. Waqt li kien qed isuq vettura bil-mutur, mar kontra s-sinjali tat-traffiku indikati fil-lokalita';
5. Vettura bil-mutur mingħajr indikaturi tad-direzzjoni jew m'humiex f'kundizzjoni tajba;

6. Saq vettura meta kellha l-ħmieġ jew il-"windscreen" skurat meta kien tpoġġa xi kulur, film, sustanza jew materjal ieħor mingħajr il-permess tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65, l-Art. 82(2), 95(1) u 110A(4) u (5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-Art. 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha (bl-ewwel waħda assorbita fit-tieni waħda) u għalhekk immultatu is-somma ta' disa' mija u ħamsin Ewro (€950). B'zieda mal-piena, ai termini tal-Art. 15(2) tal-Kap. 65 il-Qorti skwalifikat lill-imputat milli jżomm il-liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' erba' xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati tas-sitt (6) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom. Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, tirriforma s-sentenza appellata in kwantu għall-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 27 ta' Settembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jibda' biex iqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata u dan għaliex l-istess hija nieqsa minn indikazzjoni tal-fatti u tar-raġunijiet li fuqhom l-Ewwel Qorti sejset il-ħtija. Jisħaq ukoll illi hemm mankanza oħra meta l-Ewwel Qorti ipprolatat s-sentenza mhux fil-forma miktuba kif trid il-liġi, iżda biss b'indikazzjoni tad-deċiżjoni tagħha fil-verbal li jaqra "*qed issib lill-imputat ħati*" mingħajr l-ebda speċifikazzjoni jew spjegazzjoni ulterjuri.

Illi, fir-rigward ta' dan l-aħħar ilment ta'l-appellant, minn eżami tal-atti jirriżulta li fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2023, hemm indikat illi l-Ewwel Qorti semgħet il-provi fejn wara l-egħluq ta'l-istess, l-appellant, debitament assistit, irreġistra ammissjoni għall-akkuza numru sitta (6) miġjuba fil-konfront tiegħu u reġa' ikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu ċans jerġa' lura minnha. Sussegwentement, il-Qorti għaddiet sabiex tisma' it-tratazzjonijet finali tal-partijiet u fil-verbal ġiet irreġistrata d-deċiżjoni tal-Qorti, meta kien hekk ivverbalizżat:–

> **"Il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-akkuzi kollha ((Sec. 15(1)(a), Chap. 65), (Sec 15(1)(a)(2), Chap 65), (Se 82(2), L.S. 65.11), (Sec 2, L.S. 65.05), (Reg. 95(1), L.S 65.11), (Sec 110A(4)(5), L.S. 65.11). Tikkundanah iħallas il-multa ta' Ewro 950 u tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' 4 xhur."**

Illi, għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li qed jallega l-appellant, il-verbal innifsu ma jindikax biss li l-Qorti qed isibu ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu imma saħansitra iċċitat l-artikoli tal-liġi relevanti li abbażi tagħhom kienet qed tinstab ħtija u wara hemm indikazzjoni tal-piena erogata.

Dan magħdud, madanakollu, ma jidhirx illi fil-fatt din hija s-sentenza uffiċjal tal-Qorti billi s-sentenza fil-fatt tinsab a fols.11 sa 15 tal-proċess iffirmata kemm mill-Maġistrat sedenti l-każ, kif ukoll ikkontro-iffirmat mid-deputat Reġistratur adetta mal-imsemmi Maġistrat. F'din is-sentenza hemm adeżjoni sħiħ mar-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, u fiha hemm ukoll il-motivi li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-decizjoni tagħha.

Illi, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza kopjuża fuq dan is-suġġett partikolari, l-interpretazzjoni mogħtija għar-rekwiżit tal-"fatti" tal-każ fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali hija li dawn ma jirreferux għall-mertu *per se* jew għat-taqsira tal-fatti bħalma nsibu fir-rekwiżiti tal-appell skond dak dispost fl-Artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda tirreferi aktar speċifikatament għall-ħtieġa tan-ness ċar bejn il-fatti u d-dikjarazzjoni tas-sejbien ta' ħtija jew ta' liberazzjoni. Allura, dak li huwa rikjest huwa li l-Ewwel Qorti tkun ċara meta tippronuzja ruħha dwar fejn l-imputat ikun instab ħati jew fejn ikun ġie lliberat u dwar liema akkużi:

> **"Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiggustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal-ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall-imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s-sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati.**[1]

Illi, l-istess ħsieb kellha din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Keith Pace"[2]:-

> **"Kif gie ritenut f'gurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x'hiex l-appellant gie misjub hati, jew meta f' kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lill-imputat hati, jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza.**
>
> **Meta s-sentenza originali tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat, il-formalizmu ma hemmx postu u ghandha tigi salvata s-sentenza, pero' dan ma hux il-kaz, ghax hawn si tratta ta' sentenza motivata u mhux miktuba fuq il-kopja tal-komparixxi li jkollha**

[1] "Il-Pulizija vs Elton Abela" deċiża (Imħallef David Scicluna) mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Jannar 2005.

[2] Deċiża nhar il-5 ta' Mejju 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Grazio Scicluna" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Marzu 2004 kif ukoll "Il-Pulizija vs Justin Gambin" deċiża mill-Imħallef Lawrence Quintano nhar it-2 ta' Lulju 2012.

**l-Qorti bhal kif jigri kwazi dejjem fil-kawzi li jinstemghu bil-procedura sommarja, u proprju hemm id-dubji fuq imsemmija."**

Għaldaqstant, spjanat dan l-insenjament ġuridiku, huwa ndubitat li fis-sentenza appellata ma hemm l-ebda rekwiżit meħtieġ *ad validatem* ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li huwa mankanti, u għalhekk dan l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant qed jigi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju minnu ventilat, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha. Primarjament huwa jibda' billi jisħaq li l-affidavit prodott minn PC 78 huwa null u dana għaliex fih korrezzjoni li ma saritx skond il-liġi. *In oltre*, huwa jgħid li l-inċident *de quo* ma seħħx ġewwa Triq San Bastjan, hekk kif indikat fiċ-ċitazzjoni u wkoll jiċħad illi għamel xi manuvra perikoluża bil-vettura tiegħu, hekk kif kien mixli.

Illi, ġialadarba dan l-aggravju jdur madwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[3].

---

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Jirriżulta illi nhar it-30 ta' Jannar 2022, PC 78 u PS 508 kienu qegħdin jagħmlu ronda ġewwa Ħal Qormi meta nnutaw vettura ta' lewn abjad tal-għamla Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni BEN-913 li baqgħet għaddejha minn sinjal tal-*give way* f'*roundabout*, u li b'din il-lmanuvra diversi vetturi kellhom jieqfu ħserem biex jevitaw kollizjoni magħha. Fil-fatt, fl-*affidavit* ta' PC 78 jemerġu s-segwenti fatti probatorji: –

> **On the 30/01/2022 at around 11:20hrs, whilst myself PC 78 and PS 508 were patrolling in Manuel Dimech Street, Qormi, directions towards Hamrun, when entering to turn on Lowenbrau roundabout, I noticed a white Mercedes with registration number BEN913, exiting from San Bastjan Street onto the same Lowenbrau roundabout direction towards Hamrun bypass.**
>
> **The above-mentioned vehicle completely disregarded other vehicles and the give way sign when entering the roundabout, making other vehicles turning at the time come to stop, the mentioned vehicle speeded and swerved along two other vehicles as it entered Ħal-Qormi Street, Qormi[4].**
>
> **The vehicle was stopped, and the driver was identified to be a certain Benjamin Schembri 0434498M. the vehicle was also noticed of having dark tinted front windows, with no permit presented by the driver.**

Illi, l-istess verzjoni tal-fatti hija replikata fl-*affidavit* ta' PS 508 A. Gatt, eżebita in atti.

Illi, l-appellant jibda' biex jattakka dawn l-istess *affidavits* u jisħaq li huma nulli stante li fihom emenda li saret mhux skond il-liġi. Din l-emenda tikkonsisti fiż-żieda tal-kelma "*Qormi*" wara il-kliem "*Ħal-Qormi Street*". Issa minn ħarsa lejn dawn l-*affidavits* u ċioe' kemm dak ta' PC78, kif ukoll ta' PC508, jirriżulta illi maġenb din iż-żieda bl-inka hemm il-firem rispettivi ta' dawn iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija, li mal-ewwel daqqa t'għajn tidher simili ħafna għall-firma minnhom magħmula fuq in-naħa ta' taħt ta' l-*affidavits* rispettivi tagħhom. *In oltre*, tali dettal mhuwiex xi dettal ġdid li b'xi mod ser ibiddel is-sustanza tal-azzjoni jew jolqot xi eċċezzjoni fil-mertu li l-appellant kien ser iqanqal, ukoll għaliex aktar 'il fuq fl-istess *affidavits*, iz-zewġ uffiċjali tal-Pulizija jirreferu għall-lokalita' fejn seħħ is-sinistru minnhom investigat bħala dak ta' Ħal Qormi. Jindikaw illi kien proprju f'din il-lokalita' fejn kienu qed jagħmlu r-ronda tagħhom li lemħu din il-vettura tagħmel il-manuvri perikolużi minnhom indikati.

[4] Il-kelma "Qormi" qegħdha nserita bil-kitba flimkien mal-firma allegatament ta' PC 78 maġenbha.

Għalhekk dina l-Qorti ma tara l-ebda irregolarita' fl-imsemmija *affidavits* u ċertament li ma teżisti l-ebda raġuni valida 'il għaliex l-istess għandhom jiġu ddikjarati nulli.

Illi, *in oltre*, l-Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali, jagħti il-jedd lill-akkużat li jagħti avviż li permezz tiegħu jindika li huwa jixtieq jagħmel il-kontro-eżami ta' dawk ix-xhieda li jkunu xehdu permezz tal-proċedura tal-affidavit.

> **"Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużat kif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat."**

Illi, minn eżami ta'l-Atti Proċesswali jirriżulta li l-appellant qatt ma talab sabiex PC 78 u PS 508 jinġibu biex jixhdu in kontro-eżami sabiex jiġu mistoqsija dwar il-kontenut tal-*affidavits* magħmula minnhom. Jikkonsegwi illi ġialadarba dan ma sarx, fit-termini tal-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminal, l-*affidavits* ppreżentati mill-Prosekuzzjoni huma kkunsidrati ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tagħhom f'dawn il-proċeduri bl-istess mod daqslikieku ix-xhieda jkunu xehdu *viva voce* quddiem l-Qorti. *In oltre*, ma temerġi l-ebda raġuni li tista twassal lil din l-Qorti tiddubita mill-kontenut ta' dawn l-istess *affidavits*.

L-appellant imbagħad isostni illi l-inċident mertu tal-każ ma seħħx fi Triq San Bastjan, hekk kif indikat fiċ-ċitazzjoni. Dina l-Qorti mal-ewwel itenni li l-appellant m'għandux raġun fl-ilment tiegħu u dana għaliex fl-*affidavits* rispettivi kemm ta' PS 508 kif ukoll ta' PC 78 hemm indikat illi l-manuvra perikoluża magħmula mill-appellant bdiet propju ġewwa Triq San Bastjan u kompliet hekk kif ħareġ għal mar-*roundabout*. Għaldaqstant lanqas f'dan l-ilment ma għandu raġun l-appellant.

Illi, l-appellant finalment jikkritika s-sentenza appellata fl-apprezzament magħmul tal-fatti tal-każ meta sabitu ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati. Illi fl-ewwel lok mill-verbal tas-seduta datata 9 ta' Mejju 2023, jirriżulta li l-appellant, legalment assistit, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni numru sitta (6) miġjuba kontrih.

Jirrizulta ukoll li huwa kkonferma l-ammissjoni tiegħu wara li l-Ewwel Qorti tatu ċans jerġa' lura minnha. Dina l-Qorti tinnota li ma tqajjem l-ebda aggravju dwar il-validita' u/jew il-legalita' ta' dina l-istess ammissjoni u għalhekk dina l-Qorti ser tqis li l-ammissjoni magħmula mill-appellant kienet waħda volontarja u legalment valida.

Illi, fir-rigward ta'l-ewwel u t-tieni mputazzjoni fejn l-appellant kien mixli bir-reat tas-sewqan perikoluż u bla kont, teżisti ġurisprudenza kostanti u kopjuża li fir-rigward ta' sewqan perikoluż dan jammonta għal *[dangerous driving]* li jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is- sewqan ikun ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom[5]. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza *o meno* ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-rigel.

Illi, naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn il-forom ta' sewqan, f'liema każ, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. *In oltre*, ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz.[6]

Illi, ukoll, fl-istess sentenza appena ċċitata ("*Il-Pulizija vs Alfred Mifsud*"), li l-Ewwel Qorti ukoll tiċċita b'approvazzjoni fis-sentenza tagħha, ġie definiet bl-aktar mod sempliċi u ezawrenti l-import tat-terminu '*sewqan traskurat*' komunement magħruf bl-Ingliż bħala '*negligent driving*', liema konsiderazzjonijiet din il-Qorti tagħmilhom tagħha a skans ta' ripetizzjoni. L-Imħallef Flores fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mamo"[7], ukoll fisser f'hix jikkonsisti s-sewqan traskura meta sostna li –

> **"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissuggerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l- prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."**

[5] Il-Pulizija vs Alfred Mifsud deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju 1997.
[6] Vide "Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain", deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Mejju, 1950.
[7] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1971.

Illi, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Tanya Sacco"[8], il-Qorti qalet li anke jekk persuna għandha d-dritta xorta waħda għandha zzomm *a proper look out* għal kull inċident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat. *In oltre*, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Renald Vella"[9] ingħad li "**sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.**"

Illi, l-appellant jisħaq li hu ma kienx qed isuq b'mod traskurat u perikoluż, kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. Jibda biex jingħad li l-appellant ma offriex id-deposizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, kif, *del resto,* kellu kull dritt illi jagħmel. Dan fisser, madanakollu, illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha biss il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni mhux kontradetti mill-appellant, lanqas permezz tal-proċedura tal-kontro-eżami, fejn mill-*affidavits* tal-Pulizija li investigaw dan is-sinistru jirriżulta biċ-ċar li l-appellant ma osservax is-sinjali tat-traffiku, baqa' ħiereġ xkanat f'*roundabout* minn fuq *give way sign*, mingħajr ma ħa kont tal-utenti l-oħra tat-triq f'dak il-mument, baqa' jżid il-veloċità u saħansitra għamel manuvra perikoluża maġenb żewġ vetturi oħra sabiex jibqa' sejjer lejn id-destinazzjoni tiegħu. Huwa inkontestat li l-appellant kien is-sewwieq tal-vettura in kwistjoni. Huwa inkontestat ukoll li huwa kien qed isuq il-vettura msemmija fil-ħin li seħħ l-inċident in kwistjoni, tant li huwa anke ammetta għall-akkuża oħra relatata. Mill-provi prodotti, irriżulta għalhekk li l-appellant kien qed isuq b'mod perikoluż, traskurat u bla kont. Għaldaqstant, dina l-Qorti hija tal-fehma li, abbażi tal-provi prodotti quddiemha, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

Illi fit-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet l-appellant kien mixli u misjub ħati li naqas li jagħti d-dritta lill-vetturi oħra li kienu qed jagħmlu uzu mir-*roundabout,* li huwa saq kontra s-sinjal tat-traffiku, kif ukoll li saq il-vettura msemmija mingħajr indikaturi tad-direzzjoni. Mingħajr tlaqliq dina l-Qorti tisħaq li dawn it-tlett imputazzjonijiet huma kollha ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi permezz ta'l-*affidavits* rispettivi ta' PS 508 u PC 78.

[8] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Novembru 1986.

[9] Deċiza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Mejju, 2014.

Għaldaqstant, dan l-aggravju wkoll qed jiġi miċħud

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant finalment jitlob riforma fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti, mingħajr madanakollu ma jressaq aggravju formali f'dan is-sens, sabiex b'hekk il-Qorti hija sajma mill-motiv jew motivi li setgħu wasslu lill-istess appellant li jilmenta illi l-piena ma kenitx waħda ekwa. Ċertament ma huwiex mistenni mill-Qorti illi toqgħod tipprova tindovina x'kellu f'moħħu l-appellant meta ressaq dan l-ilment.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[10] .

Illi, huwa indubitat illi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-Liġi fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni. Għaldaqstant ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassal lil din il-Qorti titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-kalibrazzjoni tal-piena.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tibda tiddekorri mid-disgħa ta' għada fil-għodu.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[10] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.